# Il-Qaddej ta' Alla Mons. Ġużeppi De Piro

## mitt sena ilu waqqaf is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl u mitt sena ilu ipprofessa fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp

Kitba ta' Dominic Micallef

Monsinjur Ġużeppi De Piro, daħal membru fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina, fl-10 ta' Ottubru 1909 u fit-30 ta' Ġunju 1910, waqqaf f'Malta l-ewwel u l-unika Soċjetà Reliġjuża għall-irġiel. Qiegħed nirreferi għas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, li twieldet taħt id-dell tal-Knisja Katedrali ta' Malta, fi Triq Santu Rokku fl-Imdina. Aktar tard insibu lis-Soċjetà Pawlina fir-Rabat, kif fil-preżent għandhom il-bini tagħhom mal-Knisja ta' Sant'Agata, f'Ħal-Bajjada ir-Rabat. Mal-bini tal-kunvent hemm ukoll il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl magħruf man-nies bħala "l-Iskola ta' Sant'Agata".



*Mons Ġużeppi De Piro kellu Viżjoni Missjunarja*

## Il-familja De Piro u l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp

Jekk nifthu l-kotba tal-minuti tal-laqgħat tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, bejn l-aħħar tas-seklu XIX u fil-bidu tas-seklu XX, niltaqgħu ma' diversi personalitajiet li huma familjari ma' De Piro, bħalma nsibu l-familji: De Piro Guorgion, D'Amico Inguanez, Apap Bologna, Testaferrata u oħrajn. Xi wħud minn dawn kienu jmexxu l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp f'diversi karigi ta' responsabbiltà, bħala Retturi u Prokuraturi tal-Ġimgħa l-Kbira. Insemmi biss lil ħu Mons. Ġużeppi De Piro, li hu Dun Santino dei Baroni Depiro, li fit-22 ta' April 1900 kien Rettur ta' din il-Fratellanza. Dun Santino kien ipprofessa f'din il-Fratellanza fis-17 ta' Marzu 1898. Wara ħames snin li miet jiġifieri fl-1934, il-fdalijiet tiegħu kienu trasportati għal ġol-kannirja tas-Santwarju ta' San Ġużepp, fejn hemm lapida ta' irħam abjad bl-iskrizzjoni u l-arma tal-familja De Piro. Fl-1906, kellna Rettur l-Baruni Giuseppe Depiro Gourgion, insibu wkoll lill-Baruni Alessandro DePiro Testaferrata fl-1878, u lil ħuh il-Kav. Giuseppe fl-1880, u lista twila oħra tan-Nobbiltà tal-Imdina. Fil-knisja nsibu midfun lill-Maġġur Giuzeppe De Piro fl-1882. Xi wħud minn dawn kienu Prokuraturi tal-Ġimgħa l-Kbira u benefatturi kbar ta' din il-Fratellanza wisq antika. Jekk insemmu lill-benefatturi li għamlu diversi opri Sagri, insibu lill-familja De Piro minn ta' quddiem li kienu ġenerużi fl-armar tal-knisja u għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li kienu għal qalbhom ħafna, biż-żejjed ngħidu li ħafna mill-vestwarju u simboli oħra, kienu jintrefgħu minn sena għal oħra fid-dar tagħhom stess fl-Imdina. Fl-1920, Dun Santino ħallas l-ispiża biex saret in-niċċa ta' San Ġużepp Inkurunat.

## Il-missjoni ta' Ursula De Piro - Omm Ġużeppi

Ursula Agius Caruana, xebba ta' 20 sena, iżżewġet lil Alessandro De Piro li kien raġel sinjur, u żamm il-pożizzjoni tiegħu bla ma' tkabbar. Kull min kien jafu, kienu jsejjħulu "Is-Sur Sander". Alexander u Ursula De Piro kienu għanja b'ħafna artijiet u bini f'Malta, f'Għawdex u fl-Italja, imma qalbhom żgur li kienet aktar għanja fir-reliġjon u fil-karità. Lil din il-familja, Alla għanihom b'kotra ta' wlied, seba' subien u żewġt ibniet. Is-Sinjura Ursula De Piro jew kif kienu jsejħulha "Is-Sinjura Kikka", kienet Omm ta' karattru qawwi, ta' mara nisranija fil-prattika. Kienet taf li l-ewwel dmir tagħha, kien lejn id-disa' wliedha. Hi minn barra li tathom l-aħjar edukazzjoni, tathom l-aħjar tagħlim nisrani. Meta Ursula kellha qrib il-50 sena, il-Mulej ġabar lil żewġha, meta hu kellu 49 sena, f'lukanda f'Ruma. Matul ħajjitha rat il-mewt ta' seba' wliedha, li huma: Berti, Marija, it-tabib Karmenu, Marija Teresa, it-tabib Gwido, Dun Santin (li l-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-kannirja tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp), u l-aħħar wieħed li miet kien il-Monsinjur Ġużeppi, il-Fundatur ta' din is-Soċjetà.

Il-Katidral tal-Imdina kien it-tieni dar tagħha, u flimkien ma' żewġha Alessandro kont tarahom għall-quddies u l-funzjonijiet li jsiru f'dan il-Katidral. Lis-Sinjura Ursula, jiena personalment inqabbilha ma' Santa Monika għalkemm fuq ħajja differenti, imma t-tnejn offrew ħajjithom b'kull sagrifiċċju w'uġigħ ta' qalb, biex uliedhom waslu fejn waslu.

## Dun Ġużepp, il-magħżul minn Alla

Wieħed ikollu jammetti, li Monsinjur Ġużeppi De Piro kien magħżul minn Alla. Hu wieġeb għas-sejħa ta' "Saċerdot għal dejjem". Il-mixja tiegħu ma' kinetx faċli: qtiegħ tal-Qalb, mard, imwiet ta' missieru u ta' xi wħud

*ikompli f'paġna 4*

*ikompli minn paġna 3*

minn ħutu u għalkemm kienu sinjuri kbar, xorta waħda kellu l-problemi u sagrifiċċji personali.

Kif għedt hawn fuq, Mons Ġużeppi De Piro kien membru attiv f'din il-Fratellanza wisq antika ta' San Ġużepp. Kien ipprofessa fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, fl-10 ta' Ottubru 1909. Kien jagħmel diversi konferenzi dwar San Ġużepp fl-Oratorju Ġużeppin tar-Rabat. Mhux l-ewwel darba li kien ibassar li fil-futur l-istatwa ta' San Ġużepp wisq antika li fil-futur għad trid tiġi inkurunata. Fil-fatt dan ġara aktar minn 30 sena wara, jiġifieri fl-1963.



***Dun Santo de Marchesi De Piro D'Amico Inguanez. Miet fid-19 ta' Lulju 1929. Ipprofessa fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fis-17 ta' Marzu 1898.***

Mhix il-linja tiegħi li nikteb il-mixja ta' mitt sena ta' din is-Soċjetà Reliġjuża, imma hu fatt li fil-preżent dawn is-Saċerdoti għandhom id-djar tagħhom f'diversi postijiet, f'Malta; fir-Rabat, Birkirkara, Santa Venera, u ż-Żebbuġ Għawdex. Barra minn xtutna nsibu lil dawn is-saċerdoti fid-djar fl-Awstralja, il-Kanada, il-Perù, fil-Pakistan, fil-Filippini u fl-Italja.

## Informazzjoni

Għal min tinteressah l-istorja tal-familja nobbli ta' Mons. Ġużeppi De Piro, kif ukoll dwar il-mixja tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, għandu jakkwista u jaqra ż-żewġ volumi miktubin mill-istoriku u awtur ta' ħafna pubblikazzjonijiet Patri Alexander Bonnici ofm. Conv. u ħafna kotba oħra u letteratura fuq l-istess suġġett, miktubin minn Dun Anton Sciberras mssp, Viċi Postulatur tal-Kawża ta' Mons. Ġużepp De Piro.

# L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fil-Kolleġġjata ta' San Pawl

Ta' kull sena, fid-29 ta' Ġunju, fil-Katidral ta' Malta, tkun iċċelebrata s-solennità tal-Martirju tal-Appostli, San Pietru u San Pawl. Filgħodu, qabel ma tkun iċċelebrata l-Ewkaristija Mqaddsa, b'konċelebrazzjoni mill-Kapitlu Metropolitan, issir purċissjoni (mhix transulazzjoni) mill-Katidral għall-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat. Tkun purċissjoni solenni biċ-ċelebrant prinċipali l-E.T. Mons Arċisqof Pawlu Cremona, assistit mill-Kapitlu tal-Katidral, seminaristi, abbatini, u l-unika Fratellanza tkun dik ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina.



***L-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona assistit minn żewġ monsinjuri waqt l-antifona 'Sancte Pauli Apostoli' mill-Kor tal-Kappella tal-Katidral.***

# L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam



29 ta' Ġunju 2010, festa tal-Martirju tal-Appostli San Pietru u San Pawl, li tkun iċċelebrata fil-knisja Katidrali ta' Malta fl-Imdina. Il-Banda l'Isle Adam ta' kull sena tagħmel il-Programm Annwali tagħha. Din is-sena, qed tfakkar il-150 sena mit-twaqqif uffiċjali tagħha.

Fir-ritratt jidher, is-Segretarju tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, Anthony Casha, iżomm plattin dekorat tal-fidda, li ġie rregelat lill-President tal-Banda L'Isle Adam, Massimo Azzopardi, mir-rettur tal-Fratellanza, Dominic Micallef, li jidher qed jagħmel l-indirizz tiegħu. Hemm ukoll is-Segretarju tal-Każin tal-Banda, Neville Muscat.

Nota: Qed nuru l-emblema mill-oriġinal ta' kif għandha tkun l-arma uffiċċjali tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam.

